MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 171/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Miruzzi)**
**Vs**
**Clint Catania**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fid-29 ta’ Marzu, 2008, ghall-habta tal-4.00 p.m., fl-inhawi tal-Mellieha, waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar kif jista’ jigi permess skond dawn ir-regolamenti, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur u dan bi ksur tal-A.L. 79/2006 art 18(1)(c).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-Avviz Legali 79/2006 u r-Regolament 18(1)(c) sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal multa ta’ seba’ mitt Euro

(€700) u inoltre skwalifikatlu l-licenzja tal-kacca w nsib ghal perjodu ta’ sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta’ Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tillibera lill-appellant minn kull htija w piena w fin-nuqqas li taghmel dan, tirriforma s-sentenza billi tapplika multa ferm inqas minn €700 u tnehhi l-iskwalifika tal-licenzja tal-kacca w nsib kif imposta mill-Ewwel Qorti ghal zmien sena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :-

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti, stante li minn imkien ma jirrizulta li l-appellant kien qieghed fid-29 ta’ Marzu, 2008, ghall-habta ta’ l-4.00 p.m. waqt stagun maghluq jaghmel tehid ta’ xi ghasafar bi ksur ta’ l-avviz legali 79 ta’ l-2006;
2. illi hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma pogga lill-appellant fil-post fejn kien hemm it-tehid ta’ l-ghasafar, anzi mkien ma jidher vicin xi mansab;
3. illi l-Qorti iffaccjata b’konflitt ta’ provi kellha wkoll tillibera, aktar u aktar in-nuqqas ta’ provi;
4. illi l-Qorti applikat piena harxa ghal persuna li qatt ma giet akkuzata qabel b’xi ksur dwar it-tehid ta’ xi ghasafar u aktar u aktar meta mponiet skwalifika tal-licenzja tal-kacca w nsib ghal sena w multa ta’ €700, meta f’kazijiet simili, l-multi ma jinghatawx aktar minn €250.

Semghet ix-xiehda mill-gdid fl-udjenza tad-9 ta’ Lulju, 2009;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi x-xiehda mismugha quddiem din il-Qorti tista’ tigi sintetizzata kif gej:-

**Dr. Andre’ Raine**, li xehed bl-Ingliz, qal li fid-29 ta’ Marzu, 2008, ghall-habta tal-4pm., hu w l-kollega tieghu Tolge Temuge kienu fl-Ahrax tal-Mellieha. Hu kien sema l-hoss tal-ghana ta’ ghasafar *“finches”*. Peress li kien il-*closed season* ghall-insib, issuspetta li kien hemm xi nassab f’ dik iz-zona. Ghalhekk hu wasal fuq sit fejn kien hemm zewg imnasab. Iz-zewg imnasab kienu attivi w it-tnejn kellhom persuni fid-duri w ghasafar fil-gabbjetti. Kien hemm bejn sitt u ghaxar gabbjetti w semgha l-ghana ta’ vrieden. (green finches). Hu gharaf lill-appellant prezenti fl-awla bhala wiehed mill-persuni li kien qieghed god-duri bilqeghda w kellu tifel zghir mieghu fl-eta tal-*pre-teens*. It-tnejn kienu bilqeghda. Hu allura resaq lura w huma stahbew wara xi sigar u cemplu lill-Pulizija tal-Administrative Law Enforcement (ALE). Huma baqghu hemm sakemm waslu tal-ALE u meta waslu huma imxew lura lejn ix-xena biex juru lill-Pulizija fejn kienu l-imnasab. Dak il-hin hu beda jiehu r-ritratti (waqt li l-ALE marru ghal fuq l-imnasab. Meta tal-ALE waslu mal-mansab, l-appellant deher qed jghid lit-tifel biex imur jigbor il-gabbjetti.

Ix-xhud ra r-ritratti esebiti fil-process a fols 6 u 7 u mmarka bil-biro lill-appellant li meta waslu l-Pulizija kien qam bil-wieqfa. It-tnejn hargu mid-dura. F’ dak il-hin gie individwu iehor minn madwar xi sigar u beda jhedded lill-kollega tieghu. L-appellant ma heddidhomx. Huma mbaghad telqu minn fuq il-post u hallew f’ idejn il-Pulizija tal-ALE.

Fil-kontro-ezami, x-xhud qal li hu kien xi 15 il-metru boghod minnhom u seta’ jara l-persuni li kien hemm god-dura. Tul il-hin kollu li huma kienu qed josservaw is-sit ma gew ebda ghasafar *“finches”* fl-area in kwistjoni. Kienu damu hemm xi 15 – 20 minuta minn x’ hin rawhom sakemm waslu tal-ALE.

**Tolge Temuge,** li wkoll xehed bl-Ingliz, qal li dak in-nhar kienu l-Irdum tal-Madonna w sabu mansab attiv, cioe’ kien imnaddaf mill-vegetazzjoni. Ix-xbieki kienu mifruxa w

marbuta . Kien hemm ghasafar tal-ghana fil-gabbjetti w kien hemm l-appellant li hu gharaf fl-awla w persuna izghar fl-eta' go dura.  Din l-ahhar persuna kienet aktar lejn il-gemb tad-dura. It-tnejn kienu bilqeghda meta hu rahom l-ewwel darba. Peress li ma riedux jigbdu l-attenzjoni taghhom, huma rtiraw u sejjhu lil tal-ALE u dawn gew u raw dak li hu kien ghadu kif iddeskriva. L-appellant umbaghad hareg mid-dura. Ir-ritratti esebiti mhux hu kien hadhom. Hadhom Dr. Raine. Identifika l-persuna indikata bil-vlegga fir-ritratti bhala li jixbah lill-appellant. Meta waslu l-Pulizija, huma resqu aktar lejn is-sit. Kienu mal-gemb tat-triq. L-appellant kien hareg mid-dura u t-tifel beda jdur jigbor il-gabbjetti.

In kontro-ezami, x-xhud qal li hu kien cert li l-appellant kien bilqeghda god-dura w it-tifel kien aktar lejn il-gemb. Ghalhekk jassumi li l-appellant kien fin-nofs tad-dura pero' dwar dan id-dettall ma setax jghid mija fil-mija (100%). Meta waslu l-Pulizija, tfacca ragel iehor li beda jitkellem maghhom u jhedded u ghalhekk huma telqu. Jaf li hemm diversi strutturi zghar vicin il-post fejn kien hemm l-imnasab, jekk humiex djar, *boat houses* jew xi haga ohra ma setax jghid. Hemm xi ghelieqi w strutturi zghar.

Fl-Affidavit tieghu, **PC 389 Silvio Bonnici** (fol. 5) ddikjara li fid-29 ta' Marzu, 2008, ghall-habta tal-4pm., kien xoghol *patrol* ma PC 804  fl-inhawi tal-Ahrax tal-Mellieha rigward kaccja w insib illegali. Gew infurmati minn zewg membri tal-Birdlife Malta  li kienu nnutaw xi persuni jonsbu ghall-ghasafar tal-ghana waqt stagun maghluq. Huma marru hdejhom u dawn sadattant kienu baqghu fuq il-post u anki hadulhom xi ritratti. Iz-zewg persuni kienu gew identifikati bhala l-appellant Catana w Malcolm Galea ta' tnax il-sena . Dawn kellhom mansab armat u xi ghasafar. Huma tawhom ordni biex izarmaw kollox u ma jibqghux jonsbu u wissewhom li kienu ser jittiehdu passi kontra taghhom bil-Qorti. Dr. Andre' Raine u Tolga Temuge, li kienu rrapportaw il-kaz, qalulhom li kienu lesti biex jixhdu dwar il-kaz.

**Malcolm Galea** xehed li hu kien hemm meta gew il-Pulizuija w kien fid-dura wahdu w umbaghad gie l-kugin

tieghu l-appellant u sab lil missieru rieqed. Hu kien hareg l-ghasafar l-ewwel. L-appellant gie hdejh u pogga hdejh fuq siggu iehor li kien lura, wara d-dura qiesu. Ix-xhud kien fuq il-gebla w fuq il-gbid. Ghandu 14 il-sena. L-appellant kien qallu biex jigbru. Ma qaghadx fuq il-gebla. Kien dam hemm xi zewg minuti l-appellant umbaghad qal ix-xhud biex jigbru. (Wara li gie imwissi mill-Qorti dwar il-portata tal-gurament) ix-xhud ikkorrega ruhu qal li kien ilu hemm xi kwarta, ghoxrin minuta l-appellant. Kien staqsieh fejn kien missieru w meta hu qallu li missieru kien rieqed, l-appellant qallu : *“Ejja ha nigbru.”* ghax *“jaf li mhux suppost nonsob la kien hemm”.* Kien qallu dad-diskors meta raw zewg nies li ma kienux jafuhom tielghin mal-hajt. Meta gew il-Pulizija kienu ser jibdew jigbru. Dak in-nhar ma kienu qabdu xejn.

In kontro-ezami, x-xhud qal li missieru kien rieqed fil-kamra li kienet xi tlitt eghlieqi boghod minn fejn kienu huma. L-appellant l-ewwel kien mar ifittex lil missieru jara jekk kienx rieqed umbaghad kien mar hdejh. Ma kienx jaf li hu kien qed jonsob. Malli gew il-Pulizija, hargu biex jigbru. L-appellant ma bediex jonsob mieghu. Mistoqsi jekk qatt l-appellant kienx mar jonsob hafna, ix-xhud wiegeb li l-appellant mhux dilettant hafna. Ghandu licenzja tal-insib.

**L-appellant** xehed li hu licenzja tas-senter ghandu; biex jonsob ghall-ghasafar tal-ghana m’ghandux. Hu dilettant tal-kacca mhux tal-insib. Ma jissaportix fuq il-gebla jiccassa. Dakin-ar hu kien mar fejn zijuh ghax dan ghandu kamra hemmhekk u joqghod hemmhekk. Dan kien rieqed. Ittawwal fl-ghalqa w rah jonsob. Mar hdejh fid-dura. *“Mhux ha nghidlu jzarma. U intfajt bilqeghda hdejn. Ghidtlu: ‘Taf li ma tistax?’ ”* Ghamlu hemm xi ghoxrin minuta, nofs siegha jparlaw god-dura. Umbaghad telghu dawk it-tnejn tal-Birdlife fuq ic-cint u wara ftit sekondi tela’ Pulizija warajhom. Il-Pulizija kienu tnejn. Wiehed mar jaqbad lil wiehed li kien qed jonsob warajhom u kien hemm huma wkoll. It-tifel kien fuq il-gebla. Hu kien qieghed il-Qorti qiesu bla htija ta’ xejn. Hu ma kellu xejn f’ idejh. Kien jaf li mhux suppost jonsob imma ntefa bilqeghda w beda parla, fejn jobsor. It-tifel kien fin-nofs u hu kien fuq siggu, ntefa

hemm sakemm iqum missieru. Mhux ser jidhol fil-kamra w imur iqajjmu. *"X' ha joqghod jaghmel?"*

Ikkonsidrat

Illi ma hemmx dubju li dak in-nhar, fil-mansab li kien jinsab fid-dura tieghu l-appellant kien qed isir insib illegali ghall-ghasafar tal-ghana meta l-istagun kien maghluq. Ma hemm ebda kontestazzjoni dwar dan. Ghalhekk l-aggravju tal-appellant li ma jirrizultax li l-appellant kien f' xi post fejn kien hemm it-tehid tal-ghasafar u li ma kienx vicin xi mansab hu manifestament infondat.

Kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta, l-espressjoni ***"tipprova tiehu"*** fil-kuntest tar-regolamenti dwar il-kacca w l-insib, ma tirreferix ghan-nozzjoni ta' tentattiv fil-Kodici Kriminali. Huwa bizzejjed biex persuna tkun qed ***"tipprova tiehu"*** ghasfur li hija jkollha lest l-apparat mehtieg u tkun qed tistenna biex, appena jitfacca ghasfur, dan ikun jista' jigi attirat biex jinqabad bix-xbiek. Fi kliem iehor, anki jekk ma jitfaccja ebda ghasfur papabbli ghan-nasba, izda jkun hemm apparat sufficjenti ghall-insib, dik il-persuna tkun qed ***"tipprova tiehu"***. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Paul Grech u Carmel Farrugia"** [25.8.2008]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** [1.9.1995] u **"Il-Pulizija vs. Joseph Cini"** [15.7.2005].

Il-kontestazzjoni f' dan l-appell hija dwar ir-rwol tal-appellant dak il-hin. Cioe', kienx semplici spettatur f' attivita' illegali jew inkella kompartecipi fiha? Il-versjoni tal-appellant li hu kien fid-dura tal-mansab armat, biss biex jistenna li zijuh, li hu kien mar jarah, iqum mir-raqda ta' wara nofs in-nhar u li sadattant kien mar intefa' bilqeghda fejn kuginuh li kien jaf li kien qed jonsob illegalment, ftit li xejn hija attendibbli.

Irrizulta *ex admissis* li hu kien ilu fid-dura mill-inqas nofs siegha w li kien bilqeghda w li hareg biss minnha meta waslu fuqu l-pulizija. Dan ma kienx kaz ta' xi passant *'in buona fede'* li jieqaf jiskambja xi erba kelmiet ma nassab jew ta' xi hadd, dilettant jew mhux tal-ghasafar, li jigi

mistieden minn-nassab legittimu biex jakkompanjah fil-mansab tieghu bhala spettatur, biex jara kif issir in-nasba jew biex, bhala hbieb, iqattghu ftit tal-hin flimkien waqt insib legittimu.

L-appellant *ex admissis* kien jaf li qed tinkiser il-ligi w, anki kieku kellha titwemmen il-versjoni tieghu korroborata minn kuginuh Malcolm Galea li dan tal-ahhar kien fuq il-gebla w mhux hu, ma jidher li ghamel xejn effettiv tul il-hin li kien fid-dura ma kuginuh biex iwaqqaf lil kuginuh mill-ksur tal-ligi.

Ghalhekk,  anki jekk wiehed, biss ghal grazzja tal-argument, kellu jabbraccja l-versjoni tal-appellant bhala veritjiera, b’dan l-agir jew ahjar nuqqas t’ agir tieghu, f’ dik is-sitwazzjoni ta’ illegalita’ manifesta, l-appellant, anki jekk ma kienx hu fuq il-gebla, xorta wahda seta’ jinstab hati tar-reat kompriz u involut li ghin u/jew hajjar lil Galea biex jikser ir-regolament in kwistjoni.(Reg.27(1)(d) tal-A.L. 79/2006) - ara f’ dan is-sens l-appell kriminali **“Il-Pulizija vs. Paul Grech u Carmel Farrugia”** fuq citat fejn **Farrugia** proprju nstab hati ta’ dar-reat ghal din ir-raguni.

Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, mill-fedina penali aggornata tal-appellant jirrizulta li, apparti li hu diga’ ssubixxa hames kundanni precedenti li jvarjaw minn uzu ta’ karti tal-identita’ foloz, pussess tad-droga cannabis, sewqan bla licenzja w bla polza tas-sigurta’ w reati ohra, kien ukoll instab hati talli fis-sena 2003, fl-Ahrax tal-Mellieha, kien ghal kaccja bla licenzja w li kkaccja ghal ghasfur protett (kuccard). Ghalhekk anki dan l-aggravju bazat fuq li hu qatt ma kien *“gie akkuzat qabel b’ xi ksur dwar it-tehid ta’ xi ghasafar”* hu manifestament infondat.

Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara li hemm ebda lok ghal xi temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------